MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 634/1991/1

**Michael Cortis**

***Versus***

**Michele Cortis, Albert Rutter, Joan mart Lewis Zammit Tabona, Doris mart Malcolm Micallef, l-Avukat Dr Anthony Rutter Giappone, Vincent *sive* Vivian Rutter, u Victoria mart Joseph Gerada, u l-istess Lewis Zammit Tabona, Joseph Gerada u Malcolm Micallef bħala amministraturi tal-beni parafernali tar-rispettivi nisa tagħhom għal kull interess lijista' jkollhom; u Anna mart in-Nutar Dr Mario Bonello ssejħet fil-kawża b'dikriet tal-5 t'April 1993; u b'dikriet tas-17 t'Ottubru 1997 il-ġudizzju ġie trasfuż fil-persini ta' Francis, Paul u Mary Catania mart Joseph, aħwa Cortis, kollettivament minflok il-konvenut Michele Cortis li miet fil-mori tal-kawża**

Din il-kawża hija dwar qsim ta' proprjetà komuni. Wara li saret relazzjoni minn perit tekniku maħtur mil-qorti, il-partijiet waslu fi ftehim dwar kif kellu jseħħ il-qsim.

Il-qorti għalhekk, wara li rat iċ-ċitazzjoni, in-noti ta' eċċezzjonijiet[1], ir-relazzjoni tal-perit tekniku[2] u n-nota tiegħu tas-7 ta' Jannar 2003[3], u n-nota ta' l-attur flimkien mal-konvenuti aħwa Cortis[4], taqta' din il-kawża billi tordna illi:

1. l-art murija bl-ikħal fuq il-pjanta dok. RB1[5] mehmuża mar-relazzjoni — li għandha kejl ta' *circa* ħdax-il tomna, żewġ sigħan, u kejla u sebgħa minn għaxra ta' kejla (T 11-2-1.7), u tmiss mit-tramuntana ma' beni tal-familja Inguanez, mil-lbiċ mal-parti mill-art komuni li sejra tiġi assenjata lill-werrieta tal-konvenut Michele Cortis, u mill-irjieħ l-oħra ma' l-art li sejra tiġi assenjata lill-konvenuti Rutter *sive* Rutter Giappone, bil-binjiet kollha li hemm fuqha u bil-komunjoni tal-mogħdijiet u tar-rampa li hemm fl-art komuni —tiġi assenjata lill-attur Michael Cortis;

2. l-art murija bil-kulur roża jew oranġjo fuq l-istess pjanta dok. RB1 — li għandha kejl ta' *circa* ħdax-il tomna, żewġ sigħan, u kejla u sebgħa minn għaxra ta' kejla (T 11-2-1.7), u tmiss mit-tramuntana ma' beni tal-familja Inguanez, mill-punent ma' beni tal-Gvern ta' Malta, mix-xlokk mal-parti mill-art komuni li sejra tiġi assenjata lill-konvenuti Rutter *sive* Rutter Giappone, u mill-grigal mal-parti mill-art komuni li sejra tiġi assenjata lill-attur Michael Cortis, bil-binjiet kollha li hemm fuqha u bil-komunjoni tal-mogħdijiet u tar-rampa li hemm fl-art komuni —tiġi assenjata lill-werrieta tal-konvenut Michele Cortis;

3. l-art murija bl-aħdar fuq l-istess pjanta dok. RB1 — li għandha kejl ta' *circa* tnejn u għoxrin tomna, erba' sigħan, u tliet kejliet u tlieta minn għaxra ta' kejla (T 22-4-3.3), u tmiss mit-tramuntana u mil-lvant mal-parti mill-art komuni li sejra tiġi assenjata lill-attur Michael Cortis, min-nofsinhar ma' beni tal-Gvern ta' Malta, u mill-majjistral mal-parti mill-art komuni li sejra tiġi assenjata lill-werrieta tal-konvenut Michele Cortis, bil-*garage* li hemm fuqha u bil-komunjoni

[1] *Foll*. 21 u 29.
[2] *Foll*. 83 *et seqq.*
[3] *Foll*. 131 *et seqq.*
[4] *Fol*. 154.
[5] *Fol*. 98.

tal-mogħdijiet u tar-rampa li hemm fl-art komuni —tiġi assenjata lill-konvenuti Rutter *sive* Rutter Giappone;

4. l-attur Michael Cortis iċedi lill-werrieta tal-konvenut Michele Cortis biċċa art tul il-faċata tar-razzett wiesgħa erba' piedi (4') murija bl-aħdar fuq il-pjanta dok. RB2[6] mehmuża mar-relazzjoni, u wkoll biċċa art forma ta' triangolu murija fuq il-pjanta dok RB3[7] mehmuża maċ-ċitazzjoni; u bi tpaċija l-werrieta tal-konvenut Michele Cortis jassenjaw lill-attur Michela Cortis biċċa art li għandha kejl daqs l-art li sejjer jassenja l-attur lilhom u li għandha tittieħed minn fejn huwa markat bl-ittra "X" fuq il-pjanta RB1 mehmuża maċ-ċitazzjoni kif muri wkoll fuq pjanta oħra, ukoll immarkata bħala dok. RB1[8], li ġiet ippreżentata mill-perit tekniku man-nota tas-7 ta' Jannar 2003;

5. il-mogħdija komuni murija fuq il-pjanta dok. RB4[9] mehmuża mar-relazzjoni tiġi mfassla fuq wisa' ta' għaxar piedi b'mod li tibqa' nieżla f'linja dritta lil hinn mir-rampa li hemm illum u tieqaf f'linja perpendikolari mal-bidu tal-ħofra tal-konvenuti Cortis;

6. il-konvenuti Cortis ikollhom il-jedd illi jaċċedu fil-porzjoni li għandha tiġi assenjata lill-attur Michael Cortis f'dik il-parti fejn il-ħofra tal-konvenuti Cortis tmiss mal-porzjoni ta' l-attur, u dan biss biex ikunu jistgħu jagħmlu manutenzjoni u tiswija tal-ħofra;

7. lil kull parti fil-kawża tiġi assenjata l-porzjoni li tmiss lilha kif illum tinsab mgħobbija b'jeddijiet, sew reali kif ukoll personali, favur terzi jew favur l-istess partijiet, bil-benefikati kollha li hemm fuq dikil-porzjoni, u mingħajr jedd għal xi kumpens minn parti lil oħra;

Taħtar lin-Nutar John Cachia Zammit biex jirċievi u jippubblika l-att ta' qasma fil-15 ta' Mejju 2006 fl-10.00 *a.m.* fil-bini tal-qorti, il-Belt Valletta, u taħtar ukoll lill-Avukat Benny Delia bħala kuratur biex jidher f'isem min ma jersaqx għall-formazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' l-att.

L-ispejjeż ġudizzjarji u dawk biex issir il-qasma għandhom jinqasmu bejn il-partijiet skond is-sehem li jmiss lil kull parti mill-qsim.

---

6 *Fol*. 99.
7 *Fol*. 100.
8 *Fol*. 132.
9 *Fol*. 101.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------